MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2009

Numru 455/2008

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Cachia)

vs

Christopher Mallia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat talli fil-11 ta’ Marzu 2008 ghal habta ta’ nofs in-nhar neqsin ghoxrin, fi Triq Mdina, Zebbug:
(1) b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, permezz tal-vettura tal-ghamla Nissan Sunny, b’numru ta’ registrazzjoni DBI 895 misjuqa minnu ikkaguna offiza ta’ natura gravissima fuq il-persuna ta’ David Bog, skond kif iccertifikat minn Dr

Annalise Gauci, Med.reg. 3039, mill-Casualty Department tal-Isptar Mater Dei;
(2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq l-istess vettura b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz;
(3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qabes vettura minn fuq in-naha tax-xellug;
Il-Prosekuzzjoni talbet, f'kaz ta' htija, l-iskwalifika, s-sospensjoni jew revoka tal-licenzja tas-sewqan tal-akkuzat.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza issir sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-akkuzat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa insista fuqha anka wara li l-Qorti tahtu zmien jikkonsidra;

Semghet xhieda;

Ikkonsidrat.

Il-htija tal-akkuzat tirrizulta ben cara u mhux biss mill-ammissjoni tieghu. Kemm mix-xhieda tal-parti leza u c-certifikat guramentat tat-tabib jirrisulta li l-parti leza sofriet griehi gravi, konsegwenza diretta tal-incident stradali meritu l-kawza, konsistenti f'ticcrita u ksur fl-ghadam bejn l-irkoppa u l-ghaksa tas-sieq tal-lemin, tant li permezz ta' tlett interventi kirurgici kellha tigi inserita hadida u juza il-krozzi ghal circa tlett xhur.

Kwantu ghall-incident de quo jirrisulta fi kliem l-istess akkuzat riportati fl-istqarrija guramenta tas-Surgent li investiga l-kaz (inserita fl-atti) li waqt li l-imsemmi akkuzat kien qed isuq bil-vettura tieghu f' Triq Mdina, Zebbug, issorpassa vettura minn fuq il-karreggjata ta' barra u kif rega dahal fil-karreggjata interna skontra ma' serqin misjuq mill-parti leza u tajru.

Fic-cirkostanzi tal-kaz m’hemmx dubbju li l-akkuzat ghandu jinstab hati li kkaguna feriti gravi (u mhux biss per durata) fuq David Vella.

Madanakollu fl-isfond tat-termini tal-att ta’ akkuza u konformement mal-istess rat l-Artikolu 226(1)(a) u 17(b) tal-Kap 9 u 15(1)(2) tal-Kap 65. Tikkundannah elf Euro multa zmien xahar mil-lum biex ihallas.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------